MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2011

Numru. 15/2009

**Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Emanuel Mintoff, iben Anthony u Mary nee' Theuma, imwieled nhar it-23 ta' Mejju 1956 , residenti fil-fond "Alfieri", Triq il-Knisja, Ghasri, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 33356(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Emanuel Mintoff li gie akkuzat talli nhar it-8 ta' Ottubru 2008 u fix-xhur ta' qabel, bi ksur ta' l-istess disposizzjoni tal-ligi u f'hinijiet differenti f'garaxx minghajr numru, proprjeta tieghu fi Triq il-Knisja, Ghasri, Ghawdex, zamm hazna ta' Diesel ta'

aktar minn tlett mitt litru (300) u dana bi ksur tar-regolamenti tal-Awtorita tar-Risorzi ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi.

Rat in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tad-9 ta’ Novembru 2010.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi ma ghandux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-pulizija bdew jinvestigaw dana l-kaz wara rapport li rcevew minghand certu Rosina Cini li toqhod vicin il-garaxx tal-imputat. Dina Cini bdiet tallega illi l-imputat kien qed izomm hazna ta’ diesel fil-garaxx tieghu. Minn hawn saru diversi spezzjonijiet mill-ufficjali tal-pulizija. L-ewwel li mar fuq il-post kien il-PS1040 John Grima u dana fil-15 ta’ Gunju tas-sena 2008. Is-surgent Grima josserva illi fil-garaxx tal-imputat gewwa Triq il-Knisja, l-Ghasri, kien hemm zewg xarabanks, kif ukoll zewg tankijiet tal-metall ikkonnettjati minn taht ma’ xulxin permezz ta’ pipe. Dawn it-tankijiet kellhom likwidu isfar fih u kienu mimlija ftit iktar minn nofs. Dak in-nhar l-imputat ghaddielu xi ricevuti minn fejn irrizulta illi l-kumpanija J& A Borg and Sons kienu jissuplixxu lill-imputat bid-diesel u li f’kull okkazzjoni indikata f’dawn ir-ricevuti l-imputat kien akkwista l-ammont ta’ 300 litru ta’ diesel[1]. Fi spezzjoni ohra li saret ftit taz-zmien wara, l-istess surgent Grima kien kejjel dawn iz-zewg tankijiet minn fejn irrizulta illi kull tank kellu l-gholi ta’ mija u tnejn u tmenin centimetru (182cm) fuq basi ta’ sittin centimetru (60) b’mija u tnejn u ghoxrin wisa’ (122). Illi f’Ottubru tas-sena 2008 imbaghad kienet saret spezzjoni

[1] Ara Dokumenti JG1, JG2 u JG3 a fols. 22, 23 u 24

ohra mis-Surgent Maggur 187 Mario Cassar u il-PC774 Anthony Calleja. Meta waslu fuq il-post, dawn iz-zewg ufficjali tal-pulizija innutaw bowser li kien misjuq minn certu Freddie Micallef li kien qieghed jikkonsenja d-diesel fil-garaxx tal-imputat. Hawn dan l-istess Micallef informa lill-pulizija li kien ghadu kemm hatt l-ammont ta’ 300 litru fuel fil-container gewwa l-garaxx tal-imputat. Fil-fatt meta l-istess Freddie Micallef jixhed quddiem il-Qorti huwa jikkonferma illi huwa hafna drabi jikkonsenja fuel f’ammont li jeccedi t-300 litru ghand l-imputat izda dawn jaqsamhom bejn il-containers u l-vetturi proprjeta tal-imputat u cioe’ x-xarabanks u xi gafef. Huwa jikkonferma r-ricevuti esebiti in atti u cioe’ r-ricevuti a fols. 22 sa 23 u 59 tal-process li kollha jindikaw l-ammont ta’ 300 litru ta’ diesel.

Illi tixhed ukoll Rosina Cini u cioe’ l-persuna li ghamlet ir-rapport originali lill-pulizija u li hija gara tal-imputat. Hija tikkontendi illi mit-tieqa tal-appartament fejn tirrisjedi tosserva illi madwar erba’ darbiet kuljum jigu diversi ingenji u vetturi kbar ghand l-imputat fejn huwa jissupplixxihom bil-fuel. Imbaghad darba kull tmint ijiem jigi l-bowser sabiex jaghtih il-konsenja tad-diesel. Ta’ dana hija tesebixxi sett ritratti li jindikaw dak li tixhed dwaru u li tghid li tosserva ta’ kuljum mir-residenza taghha[2].

Illi fil-kors tas-smigh tal-kawza l-Qorti innominat lill-espert il-Perit Vincent Ciliberti sabiex jiehu l-qisien tac-cilindri li ghandu fil-garaxx tieghu l-imputat u jirrelata dwar il-volum ta’ diesel li jista’ jigi mahzun f’dawn it-tankijiet. Illi l-imsemmi espert ipprezenta r-relazzjoni tieghu fis-seduta tat-18 ta’ Frar 2010 fejn fil-konkluzjonijiet minnu raggunti huwa jghid illi l-qisien ta’ kull tank huwa ta’ 1.92m gholjin, b’1.23m wisa’ b’0.62 fond. Jikkonstata wkoll illi l-volum taz-zewg tankijiet flimkien jammonta ghal 2.92 metri kubi ekwivalenti ghal 2920 litri jew 642-il gallun[3]. Mistoqsi in kontro-ezami jekk huwa kejjilx il-hxuna tal-materjal li minnu huma maghmula dawn iz-zewg tankijiet jikkontendi illi dan ma setax jaghmlu peress illi dawn iz-zewg tankijiet qeghdin fil-gholi hafna u l-wicc taghhom imiss kwazi mas-

[2] Ara ritratti esebieti bhala Dokumenti RC1 sa RC6 a fol 58
[3] Ara rapport Dokument VC a fol 36 u ritratt esebiet a fols. 38

saqaf u ghalhekk kien impossibbli ghalih li jittawwal gewwa fihom, madanakollu huwa jsostni illi l-materjal li minnu huma maghmula dawn it-tankijiet ma kienx wiehed ohxon.[4]

Illi l-ligi in materja li kienet fis-sehh fiz-zmien tal-allegat kummissjoni ta' dana r-reat huwa l-Avviz Legali 278 tal-2007 li jiddisponi:

***3. (1) L-ebda persuna m'ghandha, sakemm ma tinghatax awtorizzazzjoni valida skond dawn ir-regolamenti jew regolamenti ohra, twettaq xi wahda minn dawn l-operazzjonijiet u, jew attivitajiet li gejjin:-***

***(b) twettaq l-attività ta' importatur u, jew grossista tal-petroleum jew topera facilità tal-hzin primarja jew ta' l-ibbottiljar ta' l-LPG.***

Is-sub-inciz 2 imbaghad ikompli jghid:
"***Id-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) m'ghandhomx japplikaw ghal ebda wahda minn dawn l-attivitajiet jew operazzjonijiet li gejjin:***
***(a) il-pussess in bona fede jew iz-zamma minn kull persuna ta' kwantità ta' inqas minn 300 litru ta' petroleum ghall-uzu privat.***"

Dana jfisser ghalhekk illi ghall-hazna ta' anqas minn 300 litru ta' diesel ghall-uzu privat ma hemm bzonn tal-ebda awtorizazzjoni minghand l-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Rizorsi.

Illi mix-xhieda ta' Dr. Maria Criminale ghan-nom tal-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi gie stabbilit illi fiz-zmien indikat fl-akkuza l-imputat ma kellu l-ebda permess jew awtorizazzjoni minghand l-Awtorita ghal hazna tad-diesel.[5] Fuq dana ma jidhirx lanqas li hemm xi kontestazzjoni. Dak li jikkontesta l-imputat huwa illi huwa qatt ma hazen diesel f'ammont li jeccedi t-300 litru fit-tankijiet tieghu u li ghalkemm l-espert nominat mill-Qorti u

---

[4] Ara xhieda tal-Perit Vincent Ciliberti a fol.34
[5] Ara xhieda ta' Dr. Maria Criminale a fol.15 u 16 u id-Dokument MC1 a fol.17

anke s-surgent Grima kejlu dawn it-tankijiet, izda qatt ma gie stabbilit il-hxuna tal-materjal illi minnu huma maghmula dawn it-tankijiet u ghalhekk ma jista’ qatt ikun hemm prova illi l-volum indikat mill-espert tal-Qorti jirrifletti l-kapacita ta’ dawn it-tankijiet.

Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma’ dina l-linja difensjonali. Illi mir-rapport tal-espert Ciliberti jirrizulta illi l-kapacita ta’ dawn it-tankijiet huwa ta’ 2920 litru. Dana huwa hafna iktar mit-300 litru li l-imputat jikkontendi li jahzen fit-tankijiet tieghu. Inoltre l-imputat ma jressaqx l-icken prova illi jikkontrobatti dana r-rapport u x-xhieda tal-PS1040. Illi mix-xhieda tal-istess surgent Grima jirrizulta illi meta huwa ghamel l-ewwel spezzjoni fil-15 ta’ Gunju 2008 dawn it-tankijiet kienu mimlija ftit iktar min nofs u ghalhekk kien hemm l-ammont ta’ ’l fuq minn 1000 litru. Dana huwa ikkonfortat ukoll mir-ricevuti esebiti u x-xhieda ta’ Freddie Micallef li jsostni illi huwa dejjem jikkonsenja 300 litru u xi kultant anke izjed fil-garaxx tal-imputat. Ghalkemm l-istess xhud ighid illi ‘xi okkazzjonijiet dawn qasamhom bejn it-tankijiet u xi ingenji jew vetturi kbar tal-imputat, madanakollu fil-jum meta s-Surgent Maggur 187 ghamel l-ispezzjoni, huwa ammetta mieghu illi kien ghadu kemm tefa’ l-ammont ta’ 300 litru fit-tankijiet. Finalment mix-xhieda ta’ Rosina Cini u r-ritratti esebiti minnha jidher illi diversi vetturi kbar u ingenji jigu suppliti bid-diesel mill-garaxx tal-imputat. Dana kollu ma jistax isehh ovvjament minn hazna ta’ inqas minn 300 litru kif jikkontendi l-imputat. Ghaldaqstant l-akkuza tirrizulta ippruvata lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 3(1)(b), (2)(a) u 34(1) tal-Avviz Legali 278 tal-2007 kif sussegwentement emendat, issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta’ tlett elef ewro (€3000).

Inoltre wara li rat l-artikolu 34(3) tal-Avviz Legali 278 tal-2007 tordna lill-imputat inehhi t-tankijiet tad-diesel li jinsabu fil-garaxx proprjeta tieghu fi Triq il-Knisja, l-Ghasri u dana fi zmien xahar mill-lum.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kirminali tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta’ €132.68 lir-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------